MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2014

Numru. 198/2014

Il-**Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**Vanessa Magro, 34 sena bint Gorg u il-mejta Lucia xebba Caruana imwieled Pieta` fis-17 ta' Novembru 1979, residenti 'Ta' Debbie Farm House' u detentrici tal-karta ta' l-identita` 0541079M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata:

1) Talli matur il-lejl ta’ bejn 31 ta’ Jannar 2014 u 01 ta’ Frar 2014, minn gewwa pastizzerija bl-isem ‘Tal-Patruna’, ghal habta ta’ 01:00 ta’ filghodu, fi Triq Fleur De Lys, Birkirkara, ikkommettiet serq ta’ flus kontanti (€8,310), liema serq huwa aggravate bil-hin, bil-mezz, bil-persuna u bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u sebgah w tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tal-persuna Anthony Muscat detentur tal-karta tal-identita nru. 0121764M

2) Talli assocjat ruhha ma xi persuna jew persuni ohra f’Malta bil-ghan li jaghmlu delitt/I f’Malta li ghalihom hemm piena ta’ prigunerija, u li ma kienux delitti taht l-att dwar l-Istampa.

3) Talli f’Malta xejnetement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, kemm jekk dan sr f’Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b’kull mod li jkun indahlet biex tbiegh jew tmexxihom.

4) Talli fl-01 ta’ Frar, 2014, f’dawn il-Gzejjer iddenunzjat lill-Pulizija ezekuttiva reat/i li kienet taf li ma sarx u bil-qerq holqot tracci ta’ reat b’mod li setghu nbdew proceduri kriminali kontra persuna/i.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali nadifa taghha, il-fatt illi l-imputata iddispjaciha ghal dak illi ghamlet u lesta tirrikumpensa lill-parte leza l-ammont mehud indebitament u li huwa hafer lill-imputata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 48A(1)(2), 110(2), 261(b)(c)(d)(f), 262(1)(a), 263(a), 265, 267, 268(a), 270 u 334A, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatjai bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------